MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 404/2014

**Falcon Wines & Spirits Limited u b'digriet datat 4 ta' Frar, 2015 l-isem Falcon Wines & Spirits Limited gie sostitwit bl-isem GSD Marketing Limited**

**Vs**

**Emanuel PULIS u Michael Lee BORG solidalment bejniethom**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-20 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' tlett elef mitejn tmienja u ghoxrin euro u ghoxrin centezmu [€3228.20c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-konvenuti, solidalment bejniethom ghandhom jhallsu is-somma ta' tlett elef, mitejn u tmienja u ghoxrin euro u ghoxrin centezmu

(€3,228.20) prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat Dok. A.

Bl-imghaxijiet mill-31 ta’ Awwissu, 2012 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispjjes kollha kontra l-konvenuti, solidalment nejniethom, li huma ngunti in subizzjoni”.

Ra li l-intimat l-intimat Emanuel PULIS gie debitament notifikat fit-30 ta’ Gunju, 2014 (fol. 6) u dahhal risposta fl-14 ta’ Lulju, 2014 (fol. 7 et seq);

Ra li fil-konfront ta’ l-imsemmi intimat Emanuel Pulis tresqet nota ta’ cessjoni ms-socjeta rikorrenti fl-1 ta’ Dicembru, 2014 (fol. 32).

Ra li s-socjeta rikorrenti zammet ferma id-drittijiet taghha fil-konfront ta’ l-intimat Michael Lee BORG;

Ra li l-intimat Michael Lee BORG gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ppreżenta risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti llum stess u li permezz taghha rriduciet t-talba taghha ghas-somma ta’ elf, sitt mija u erbatax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,614.10) flimkien ma’ l-imghaxijiet u l-ispejjez kollha u dan stante pagament ta’ parti mis-sorte fil-mori tal-kawza.

Ra li David Collins, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti xehed fis-seduta tal-lum u kkonferma li l-ammont reklamat ta’ elf, sitt mija u erbatax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,614.10) ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat Michael Lee Borg.

Ra li Dr. Louis Thompson ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat Michael Lee Borg tas-somma ta' elf, sitt mija u erbatax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,614.10) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsejata lill-istess intimat.

Ikkunsidra;

2. David Collins xehed llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elf, sitt mija u erbatax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,614.10) ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat Michael Lee Borg gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat Michael Lee Borg.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-Talba fir-rigward ta' Emanuel Pulis stante in-nota ta' cessjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-konfront tieghu nhar l-1 ta'

Dicembru, 2014 (fol. 32) jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ridott ta' elf, sitt mija u erbatax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,614.10) u konsegwentement jikkundanna lill-intimat Michael Lee Borg ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf, sitt mija u erbatax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,614.10) bl-imghaxijiet legali kif mitluba u cioe mill-31 ta' Awwissu, 2012 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat Michael Lee Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------